MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Numru. 889/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Shawn Mamo**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shawn Mamo u detentur tal-karta tal-identita` numru 508388(M).

Akkuzat talli;

Fil-31 ta’ Lulju 2011 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoniji tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta Kapitolu 9 uj cioè;

Talli nhar il-31 ta' Lulju 2011, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar, f'dawn il-Gzejjer u cioè fil-parti tal-kosta maghrufa bhala Fond Ghadir, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' hand bag kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) u li sehh ghad-detriment ta' Doreen (Maria Dolores) Curmi, u/jew ta' persuni ohra;

Kif ukoll talli nhar id-29 ta' Lulju 2011 ghall-habta tas-saghtejn neqsin hmistax-il minuta ta' wara nofs inhar, f'dawn il-gzejjer u cioè fil-parti tal-kosta maghrufa bhala Fond Ghadir, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' tlett basktijiet kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) u li sehh ghad-detriment ta' Kyle Grech, ta' Victoria Melita Zammit u ta' Anita Farrugia u/jew ta' persuni ohra;

U aktar talli fil-31 ta' Lulju 2011, u/jew qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioè mobile phones, I pod tal-marka Apple, nuccalijiet tax-xemx u tal-vizta, disghin Ewro fi flus kontanti, cameras tar-ritratti, arloggi tal-idejn kif ukoll xi oggetti ohra, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reati, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur;

U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2011, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar f'dawn il-Gzejjer u cioè fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioè ta' PC 729 Kevin Decelis, waqt li dan kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U finalment akkuzat talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi

moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammsisjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu; u

Rat li l-affarijiet misruqa gew ritornati lura.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda issib lill-imputat Shawn Mamo hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------